

QORTI TAL-PRIM' ISTANZA

Rikors ippreżentat fil-15 ta' Lulju 2008 — Meyer-Falk vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-251/06)

(2008/C 236/23)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: Thomas Meyer-Falk (Bruchsal, il-Ġermanja) (rappreżentant: S. Crosby, solicitor)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

Talbiet tar-rikorrent

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikorrent jikkontesta d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Novembru 2006, li biha ġie rrifjutat l-aċċess għal żewġ dokumenti dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u r-riforma tal-Ġustizzja fil-Bulgarija. Qabel ma tressaq ir-rikors, ir-rikorrent ressaq talba għal għajjnuna legali, li l-Qorti tal-Prim'Istanza laqgħet permezz ta' deċiżjoni tal-21 ta' Jannar 2008.

In sostenn tar-rikors tiegħu, fl-ewwel lok ir-rikorrent jgħid essenzjalment li l-konvenuta kisret il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, peress li l-applikazzjoni tar-rikorrent għal aċċess għal dokumenti għet rifużjoni, minkejja li d-dokumenti kienu aċċessibbli għall-pubbliku bl-eċċezzjoni tar-rikorrent.

Fit-tieni lok, ir-rikorrenti jsostni li l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 4 (1)(a) u (b) kif ukoll ta' l-Artikolu 3(3) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 ⁽¹⁾ hija vvizzjata b'abbuż manifest ta' poter.

⁽¹⁾ Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, p. 43).

Rikors ippreżentat fl-14 ta' Lulju 2008 — X Technology Swiss vs UASI — Ipko-Amcor (First-On-Skin)

(Kawża T-273/08)

(2008/C 236/24)

Lingwa tar-rikors: Il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: X Technology Swiss GmbH (Wollerau, l-Iżvizzera) (rappreżentant: A. Herbertz, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord ta' l-Appell: Ipko-Amcor BV (Zoetermeer, l-Olanda)

Talbiet tar-rikorrenti

- tibdel id-deċiżjoni tar-Raba' Bord ta' l-Appell ta' l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern tal-15 ta' Mejju 2008 fil-kawża R 281/2007-4 b'tali mod li l-oppożizzjoni tiġi miċħuda.

Motivi u argumenti prinċipali

Applikant għat-trade mark Komunitarja: ir-rikorrenti.

Trade mark Komunitarja kkonċernata: it-trade mark verbali "First-On-Skin" għal prodotti fil-klassijiet 18, 23 u 25 (Applikazzjoni Nru 4 019 981).

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat in sostenn ta' l-oppożizzjoni: Ipko-Amcor BV.

Trade mark jew sinjal invokat in sostenn ta' l-oppożizzjoni: it-trade mark verbali "FIRST" għal prodotti fil-klassi 25 (reġistrazzjoni fil-pajjiżi tal-Benelux Nru 401 666); l-oppożizzjoni saret kontra r-reġistrazzjoni għal prodotti fil-klassi 25.

Deċiżjoni tad-Diviżjoni ta' l-Oppożizzjoni: l-oppożizzjoni għet miċħuda.

Deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appell: id-deċiżjoni tad-Diviżjoni ta' l-Oppożizzjoni għet annullata.

Motivi invokati: Ma teżisti l-ebda probabbiltà ta' konfużjoni bejn it-trade marks kunfliġġenti.